8. "Ġabra ta' Kitba Maltija" mit-Tabib Ġużè Bonnici. L-Ewwel Ktieb: "Anġli tan-Niket" ta' Gino Muscat-Azzopardi; u t-Tielet Ktieb:
9. "Leli ta' Ħaż-Żgħir" minn Ġużè Ellul-Mercer.
10. "A Grammar of the Maltese Language" by Prof. Rev. Edmund F. Sutcliffe, S.J.
11. "Weraq Midmum" minn Ġużè Borg-Pantalleresco.
12. "Taħriġ fl-Ilsien Malti" mis-Surmast Karm. Fenech.
13. "Dun Karm: 1871-1961" — kitba miġbura mill-Professur Ġużè Aquilina.
14. "Ġabra ta' Poeżijiet għat-Tfal" mill-Kommendatur R. Vella-Tomlin.
15. "Il-Muża Maltija" (it-Tieni Edizzjoni) tal-Professur Ġużè Aquilina.
16. "Dizzjunarju Bibljografiku" ta' Rob. Mifsud-Bonnici.

Ismi jidher ukoll għal bosta drabi fir-Rivisti:

17. "Il-Malti" tal-Akkademja tal-Malti.
18. "Leħen il-Malti" ta' l-Istudenti Universitarji.
19. "Ir-Rużarju" tal-Patrijiet Dumnikani.
20. "Il-Girl Guides" tal-Maltin ta' l-Eġittu.
21. "Drama" ta' Ġ. Cassar-Pullicino u C. Micallef.

Ismi jidher ukoll f'mhux inqas minn tużżana ġurnali lokali li f'uħud minnhom, jiġifieri fit-tmexxija tagħhom, kelli sehem sewwa ma' tul dawn l-aħħar erbgħin sena. U m'hux ta' min jinsa jsemmi l-"Pronostku Malti" li bil-konkorsi tiegħu xerridli ismi minn ta' quddiem fost il-ħbieb tal-Poeżija Maltija.

* * *

Lil dawk il-ħbieb li għoġobhom jiftakru fija, iżjed minni nnifsi, jiena niżżiħajr minn qalbi; u lil dawk li semmewni f'xi kitba u 'i jiena bla ma ridt inqast li nsemmi, nitlob maħfra mimlija ħajr u għożża. Niżżihom ħajr tassew għax bid-daqqa ta' pinna tagħhom, aktarx bla ma kienu jafu, huma kitbu bejniethom, għalkemm fil-qosor, il-ħajja ġurnalistika, teatrali, letterarja u poetika tiegħi — ħaġa li lanqas jien stess ma ħsibt li nagħmel.

Sbieħ il-kotba . . . u għeżież il-ħbieb! . . .

**KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAD-DAR TAL-GĦAQDA**

**IR-RUŻARJU** — Mejju-Ġunju, 1965 — Vol. XVII — No. 3. Lulju-Awissu, 1965 — Vol. XVII — No. 4. Settembru-Ottubru — Vol. XVII — No. 5. Minn għand l-Editur P. Val. V. Barbara, O.P.



# L-ISKRITTURA MQADDSA U D-''DIVINA COMMEDIA'' TA' DANTE ALIGHIERI

*Ta'* LAWRENCE R. SCHIAVONE

*(Jissokta mill-Ħarġa ta' Marzu, 1965)*

## IL-PURGATORJU

### MA' DWAR IL-MUNTANJA IEBSA TAL-PURGATORJU

Wara l-ħarġa tiegħu mill-infern Dante jħossu jieħu r-ruħ. Mhux aktar dlam, aktar biki, twerżiq, għajat ta' disperazzjoni, mhux aktar kruha, dehriet tal-biża', imma l-ħlewwa ta' għodwa sabiħa msebbħa bid-dawl tax-xemx. Kollox juri li qegħdin qrib il-muntanja tal-Purgatorju; madwarha jinsabu l-erwieħ ta' dawk li niedma minn dnubiethom intelqu f'ħajjithom fil-ħniena t'Alla u issa jixtiequ biss li jitnaddfu mit-tebgħat li fihom ħalla d-dnub biex ikunu jistgħu fl-aħħar imorru jgawdu 'l Alla għal dejjem fis-sema.

M'hemmx bżonn ngħidu, fil-Purgatorju ma nsibux erwieħ qaddisa li magħhom niltaqgħu fil-qari ta' l-Iskrittura, imma wkoll ħarsa ċkejkna turina kemm il-poeta kellu f'moħħu l-Kotba Mqaddsa meta ġie biex ikanta l-Purgatorju, fejn ruħ il-bniedem titnaddaf biex ikun jistħoqqilha titla' fil-glorja tas-sema. Mix-xatt tal-gżira tal-Purgatorju fejn jiġu milqugħa mix-xwejjeħ Katoni sal-quċċata tal-muntanja fejn Dante jkollu x-xorti li jara għaddejja minn quddiemu l-proċessjoni tal-għaġeb li turi l-istorja u r-rebħa tal-Knisja Mqaddsa, insibu għadd sabiħ ta' ħsebijiet u xbihat li Dante jieħu mill-Iskrittura biex iqegħdilna quddiemna bħala eżempji ta' ħajja qaddisa biex nimxu fuqhom jew ta' ħażen li għandna naħarbu.

Kif iż-żewġ Poeti jsibu ruħhom fix-xatt tal-gżira bla ma jafu xi triq sejrin jaqbdu, jaraw riesqa lejhom ħafifa fuq il-baħar dgħajsa mmexxija mill-anġlu t'Alla; fiha jinsabu xi erwieħ ta' dawk li mietu fil-ħbiberija t'Alla u li fil-Purgatorju jeħtiġilhom jissaffew mill-ħtijiet żgħar tagħhom b'tama sħiħa u qawwija li għad jaraw 'l Alla. Huma ħelsu mill-jasar tad-dnub il-mejjet kif darba l-Lhud ħelsu mill-jasar ta' Fargħuni, u għalhekk

*"In exitu Israel de Aegypto"*
*cantavan tutti insieme ad una voce*
*con quanto di quel salmo è poscia scripto.*

(Purg. II 46-48).